20 ta' Ġunju, 1949

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Ġużeppi Bonnici

**Provi — Xhieda — Età — "Alibi" — Art. 626 tal-Kodiċi Kriminali.**

*L-età tenera tax-xhud hija ċirkustanza li għandha tissuġġerixxi ċertu grad ta' ċirkospezzjoni; imma dan hu veru in linea ta' massima, u kull każ għandu jiġi kunsidrat għalih, dejjem b'dik iċ-ċirkospezzjoni. U huwa skorrett li wieħed jgħid illi l-età tenera tax-xhud għandha "senz'altro" tkun raġuni ta' esklużjoni ta' dak ix-xhud milli jixhed.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti ammettiet ix-xhieda ta' tifla ta' erba' snin u ftit xhur, wara li kienet ħadet provvediment biex jiġi stabbilit jekk dik it-tifla kienetx tifhem l-importanza tal-ġurament, u wara li l-istess Qorti aċċertat ruħha dwar hekk; u għamlet assenjament fuq dik ix-xhieda fis-sentenza tagħha fuq il-meritu tal-kawża.*

*Il-prova ta' l-"alibi" hija l-aħjar difiża, imma hija wkoll l-agħar difiża. Għax il-provi biex isostnu l-"alibi" jridu jkunu tali li jwasslu biex juru li l-imputat kien f'post divers minn dak fejn sar ir-reat f'ħin tali li kien impossibili fiżikament li huwa jkun fil-post tar-reat f'ħin li fih bejn wieħed u ieħor ir-reat kien kommess.*

B'sentenza tal-20 ta' Jannar 1949, l-imsemmi Bonnici ġie misjub ħati (1) ta' attentat vjolent għall-pudur fuq il-persuna ta' Emmanuela Butigieg, kommess f'post publiku, u offiża volontarja fuq il persuna tagħha ta' natura ħafifa, u (2) talli, meta ma għandu ebda xorta ta' beni, u ma għandux mezzi oħra biex jgħix, ma ppruvax li hu fittex dejjem li jaħdem xi arti jew sengħa, jew li jagħmel xi ħaġa; u ġie kundannat għall-piena ta' lavori forzati għal żmien sena;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni;

Dina l-Qorti ta' l-Appell, wara li eżaminat il-provi......... irriflettiet;

Fuq l-ewwel imputazzjoni, Emmanuela Butigieg xehdet li fil-11 ta' Novembru 1948...........;

Kompliet tgħid fix-xhieda tagħha...........;

Magħha, kif ingħad, kien hemm it-tifla Dolores li (ara dok. fol. 52) fiż-żmien tal-fatt kellha erba' snin u kważi xahar, u l-fum għandha, aħmenu meta xehdet quddiem din il-Qorti, kif sejjer jingħad, erba' snin u tmien xhur kważi;

Il-Maġistrat sama' lil din Dolores Butigieg bla ġurament. Kif ġie rivelat fil-pronunċja preliminari ta' din il-Qorti tat-28 ta' Marzu 1949 (kopja fol. 42), skond il-liġi ta' Malta, il-Maġistrat ma setax jagħmel hekk, u ma setax jagħmel assenjament fuq id-dikjarazzjoni tagħha bla ġurament, avvolja hi ripetutament identifikat lill-imputat minn fost ħadd ieħor (fol. 18 u 19). Il-Maġistrat seta' jeżaminaha biex jara tifhemx l-importanza tal-ġurament, u jew jilliċenzjaha, fil-każ li ma kienx soddisfatt, jew jammettiha, jekk soddisfatt, u jamministralha l-ġurament, jew inkella jagħti provvediment biex it-tifla Dolores tkun istruwita aħjar dwar il-ġurament. Hekk għamlet din il-Qorti bil-pronunċja tagħha fuq imsemmija (fol. 42) wara studju tal-każ in bażi għal-liġi, dottrina u ġurisprudenza;

Din il-Qorti nnominat lill-Wisq Reverendu Kappillan ta' l-Imsida, biex dan jara jekk it-tifla Dolores tistax tiġi istruwita b'mod li tikkomprendi l-importanza tal-ġurament. Wara kważi xahrejn l-imsemmi Kappillan iddikjara li kien eżegwixxa l-kompitu lilu afdat mill-Qorti; u fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 1949 bin għarraf lill-Imħallef sedenti li, wara l-ammaestramenti meħtieġa, Dolores Butigieg, fl-opinjoni tiegħu, kienet tirrealizza l-importanza tal-ġurament u li kienet ħaġa ħażina li wieħed jixhed il-falz;

Il-Qorti stess reġgħet eżaminat personalment fl-udjenza lill-istess Dolores Butigieg, u aċċertat ruħha li verament Dolores Butigieg, non ostanti l-età tenera tagħha, kienet tifhem l-importanza tal-ġurament u kienet tapprezza l-konsegwenzi u l-malvaġità ta' xhieda falza. Għalhekk hi ġiet ammessa biex tagħti x-xhieda tagħha, u ġie lilha amministrat il-ġurament. Mistoqsija dwar il-każ, hi, ripetutament u bla eżitazzjoni, identifikat lill-imputat bħala dak li kien qabeż fuq ommha fl-għalqa. Naturalment il-mod li bih esprimiet ruħha kien skond dak li wieħed jistenna għall-età tagħha, u x-xhieda tagħha kienet,

kif wieħed kellu wkoll jistenna, lakonika; iżda ebda eżitazzjoni ma wriet fl-identifikazzjoni ta' l-imputat, kif ma kienetx uriet ebda titubanza—skond ma kkonfermaw ommha u l-Ispettur Saliba—fl-Għassa tal-Pulizija, u kif għamlet ukoll mela semagħha l-Maġistrat, għad li bla ġurament. Kontroeżaminata, għalkemm mhux b'abbundanza ta' dettalji, hi qalet però li għarfet lill-imputat "minn wiċċu", u żiedet minn jeddha l-kliem "telaq jiġri", biex speċi ta' tirribadixxi li dak li hi għarfet kien dak li dak in-nhar kien telaq jiġri;

L-Imħallef sedenti jħoss, wara li ppondera l-każ, illi, meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni illi tifla ta' erba' snin u nofs bilfors tkun disturbata f'ambjent insolitu u formali kif inhi l-Qorti, u illi dina s-soġġezzjoni tista' tinfluwixxi fuq il-fakoltajiet mnemoniċi tagħha, u anki tipprovoka ċertu grad ta' mutiżmu li b'hekk tiġi spjegata l-lakoniċità tar-risposti tagħha, eppure b'dan kollu Dolores Butigieg xehdet b'mod, wara li wriet li tifhem "the danger and impiety of falsehood", li bih ikkonvinċiet lill-ġudikant li verament hi għarfet lill-imputat;

L-Imħallef sedenti jirrealizza dak li qal id-difensur, li l-età tenera tax-xhud hi ċirkustanza li għandha tissuġġerixxi ċertu grad ta' ċirkospezzjoni. Dan hu veru in linea ta' massima, u l-istudji li saru dwar il-valur tax-xhieda tat-tfal huma estiżi. Iżda kull każ għandu jiġi ġudikat għalih, dejjem b'dik iċ-ċirkospezzjoni; u hu skorrett li wieħed jgħid illi l-età tenera għandha "senz'altro" tkun raġuni ta' esklużjoni tax-xhieda. Kieku kien hekk, il-liġi ma kenitx tgħid (art. 626) "no person shall be excluded from giving testimony for want of any particular age.........";

F'dan il-każ hemm ukoll ċirkustanza psikoloġikament importanti, li hija din. L-inċident kien jirrigwarda mhux barranin, imma omm it-tifla. Issa hu fatt, psikoloġikament paċifiku, li t-tfal huma osservaturi tajba fl-affarijiet familjari (ara Enrico Altavilla—La Psicologia Giudiziaria, paġ. 40 et seq.). Jgħid dan l-awtur :— "I fanciulli sono gelosissimi dei loro affetti famigliari, e si ribellano ad ogni intromissione, intuiscono subito un pericolo.........". U jkompli jgħid :— "Quanti bambini, inconsapevoli della verità, ostinatamente, disperatamente, difendono l'onore della propria mamma, arrivando a

frapporsi sempra tra lei e l'intruso, cercando perfino colla testina d'impedire che essi possano guardarsi..........". U l-illustri psikologu jinnota li f'dawn l-affarijiet it-tfal bniet "sono più perspicaci, più acute.........." mit-tfal subien. Għalhekk f'dan il-każ, meta l-azzjoni ta' l-imputat kienet interpretabili għal Dolores Butigieg bħala aggressjoni bi ħsara ta' ommha, kien komprensibili li t-tifla jkollha perċezzjoni ta' l-inċident b'mod tali li jibqa' skolpit profondament fil-menti tagħha;

L-imputat ittanta l-prova ta' l-"alibi";

F'artikolu pubblikat fi Blackwood's Magazine fl-1860, pag. 584, taħt it-titolu "Judicial Puzzles", John Page, kwotat b'approvazzjoni fit-trattat ta' Sebley—"Criminal Appeal and Evidence"—pag. 189—qal hekk :— "An alibi is, as has often been remarked, the best or worst of defences. It often depends upon a few miles, or even a few yards, of distance, or upon a clock being a few minutes fast or a few minutes slow". Il-provi ta' l-imputat jistgħu biss iwasslu biex juru li dak in-nhar filgħodu hu kien għand ċerta Polly Grech.......... imma ma jurux li kien f'hin tali li kien fiżikament impossibili li hu jkun fuq il-post fejn sar il-fatt fil-hin li presso a poco sar. Id-distanza bejn l-Imsida (post tal-fatt) u Birkirkara (fejn, se maj, kien l-imputat) hi traskurabili, meta l-provi ta' l-"alibi" jħallu ħin altru li suffiċjenti biex wieħed seta' kien fil-post tal-fatt, avvolja, qabel jew wara, kien f'post ieħor. Dik li tissejjaħ "the infirmity" ta' dan l-"alibi" hi anki aggravata bić-ċirkustanzi li din Polly Grech ittamat, sabiex tgħin lil............ imputat, tipperswadi lil ċerta Nina Mizzi, li xehdet, biex tgħid li meta din Mizzi marret tieħu sodda lil Grech, hi daħlet fil-kamra u rat lill-imputat, u li allura l-ħin kien xi n-nofs siegħa, mentri din ix-xhud Mizzi qalet.........";

L-imputazzjoni ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa tirriżulta mill-provi, u lanqas ġiet kontrastata f'din is-sede;

Kwantu għat-tieni imputazzjoni, din tirriżulta.......... u għalhekk hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fl-art. 352 (1) Kap. 12;

Kwantu għall-piena..........;

Is-sentenza appellata għalhekk hi konfermata u l-appell miċħud.